**QORTI TAL-APPELL**

**(KOMPETENZA INFERJURI)**

**(TRIBUNAL TA’ REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR)**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF MARK CHETCUTI**

**Illum L-Erbgha, 31 ta' Jannar, 2024**

Numru 18

**Appell Nru. 37/2023**

**JAC Steel Ltd**

**vs**

**L-Awtorita tal-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-appell tal-Awtorita tal-Ippjanar tal-5 ta’ Lulju 2023 mid-decizjoni tat-Tribunal ta’ Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta’ Gunju 2023 li biha laqa’ l-appell ta’ JAC Steel Ltd u iddikjara l-avviz biex tieqaf u twettiq 54/15 null u bla effett;

Rat ir-risposta tas-socjeta appellata li ssottomettiet li l-appell ghandu jigi michud u d-decizjoni tat-Tribunal konfermata;

Rat l-atti kollha u semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat id-decizjoni tat-Tribunal li tghid hekk:

Ikkunsidra:
Dwar il-mertu. L-Awtorita' esebiet sett ta' rittratti li juri l-izvilupp illegali n mertu. L-ewwel kwezit huwa responsabilta' jew meno tas-socjeta' appellant ghall-izvilupp u xoghol relattiv. L-appellanti jghid li r-responsabilita' ta' kollox kienet tal-Malta Industrial Parks. Naturalment hija kwistjoni ta' provi.

Fil-kamp tal-provi, massimu importantissimu hija illi min jallega jrid jipprova. Ghaldaqstant l-Awtorita' kellha taghmel il-prova illi kienet proprja s-socjeta' appellant responsabbli ghallallegazzjonijiet mertu tal-avviz. Hawn bir-rispett kollu l-Awtorita' ma gabitx l-ahjar prova li trid il-ligi sabiex dan l-Avviz jigi kkonfermat li hareg sewwa. Ma gew esebiti ebda provi firrigward ta' responsabilta' tal-appellanti salv li huwa dikjarat fir-risposta li huwa hekk. Dana mhux bizzejjed. Aktar u aktar meta l-appellanti qed jiddikjara bic-car li ma kienx hu li wettaq ix-xoghol izda l-Malta Industrial Parks.

Similment, fl-istess risposta, l-Awtorita' tiddkjara illi sehhet laqgha fuq is-sit fil-11 ta' Marzu 2015 fejn kienu presenti l-perit John Naudi u Saviour Briffa ghal Malta Industrial Parks. Kien necessarju, jidhirlu t-Tribunal, li almenu dawn it-tnejn jittellghu jixhdu sabiex jindikaw id-diskors x'kien u forsi sahansitra jikkonfermaw minn min ix-xoghol twettaq u jekk kien hemm xi ordni li jsir ix-xoghol.

Fl-istess risposta huwa indikat li ntuzaw ingenji tas-socjeta' appellant. Hawn ukoll semplixi dikjarazzjoni mhux bizzejjed meta setghu facilment jikkonfermaw dan il-fatt rappresentanti ta' Transport Malta.

Fis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet Dr. H. Lenicker vs J. Camilleri (deciza 31/5/1972) dik il-Qorti kienet qed tezamina hsara b'tort tal-konvenut, qalet is-segwenti:-
"… Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma tistax ikollha ezitu favorevoli (anke jekk il-konvenut ma jippruvax – ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova – li l-incident ikun gara b'tort ta' l-atturi". Illi huwa ghalhekk l-attur li jrid jipprova l-fatti minnu premessi w allegati fic-citazzjoni.

Fil-kawz 734/20 Matteo Lamanna vs The General Soft Drinks Co. Ltd. Il-Qorti osservat li fil-kawzi civili huwa bizzejjed li jkun hemm certezza u konvinciment morali f' mohh il-gudikant, izda mhux bizzejjez li jkun hemm a mere possibility. Din ic-certezza morali ghandha tigi bbazata fuq fatti ppruvati bi provi espressi u fuq inferenzi li naturalemnt u probabilment jemergu minn dawn il-fatti, u ghalhekk hija effett tal-balance of probabilities [App.Civ.Paul Vassallo et vs Carmelo Pace [1986]11 Ma dawn il-principji guridici huwa marbut il-principju li l-Qorti ghandha d-dmir li tesigi l-ahjar prova li l-parti tista' ggib. (Art.559).

It-Tribunal ikoll jesigi l-ahjar prova. Fl-opposizzjoni tal-Appellanti li l-Avviz inhareg sewwa fuq JAC Steel Ltd. L-Awtorita' kiene obbligata ggib l-ahjar prova – billi hi qed tallega fl-avviz li JAC Steel huwa responsabbli. Mhux bizzejjed ir-risposta tal-appell, liema risposta taghtina l-posizzjoni tal-Awtorita', izda huwa necessarju li dak dikjarat fir-risposta jigi sostnut bi provi. Mhux li twettaq ixxoghol izda dwar min wettqu.

Ghaldaqstant l-Appell huwa milqugh u l-Avviz in mertu 54/15 mahrug kontra l-appellanti qed jigi dikjarat null u bla effett.

### Ikkunsidrat

L-aggravju tal-Awtorita huwa s-segwenti:

1. It-Tribunal kien skorrett legalment meta irrestringa min jista' jigi notifikat bl-avviz. Il-kaz jirrigwarda vjolazzjoni skont l-artikoli 84, 86, 88 u 90 tal-kap. 504 fejn l-artikoli 86 u 88 jghidu li l-avviz johrog fuq is-sid jew l-okkupant jew it-tnejn anki jekk min ikun wettaq l-illegalita ikun terz. L-appell sar fil-parametri tal-artikolu 52(9). It-Tribunal ma setax jinjora dan l-artikolu jew jghid li l-Awtorita kellha xi diskrezzjoni mhux moghtija mill-ligi. Jirrizulta bhala fatt li s-socjeta hi l-okkupanta u l-operatur tax-xoghlijiet. In oltre l-artikolu 86(3) jaghti s-setgha lil Awtorita li tinnotifika lir-rapprezentant, bennej, kuntrattur jew haddiem u l-avviz jista' jitwahhal fuq punt prominenti fid-dhul tas-sit. Ghalhekk in-notifika saret validament skont il-ligi.

Jinghad illi l-ewwel aggravju mis-socjeta JAC Steel Ltd quddiem it-Tribunal li kien jirrigwarda ne bis in idem giet michuda u billi ma sar ebda appell minn tali aggravju din illum tikkostitwixxi gudikat.

L-appellant ghandu ragun. It-Tribunal ghamel zball ta' ligi meta qari tad-decizjoni turi b'mod car li t-Tribunal strah fuq il-prova jew ahjar in-nuqqas ta' prova tal-Awtorita dwar min kien responsabbli ghall-illegalita biex l-avviz ta' waqfien u twettiq jirnexxi. Dan jghidha f'zewg okkazjonijiet tul id-decizjoni u l-parti decizorja tat-Tribunal hi konsegwenza ta' din il-premessa zbaljata. Is-sentenza ta' din il-Qorti **Jason Mifsud vs Awtorita tal-ippjanar** deciza fis-26 ta' Marzu 2014 tghid b'mod car:

> Madankollu l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi avviz ta' twaqqif u twettiq jinhareg <u>fuq is-sit</u> u l-obbligu tal-Awtorita hi li tinnotifika lis-sid jew l-okkupant bl-avviz biex minnu jkun jista jappella.

L-istess inghad fis-sentenza **Francis Cachia Caruana vs Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar** deciza fis-7 ta' Mejju 2014:

> Il-Qorti tqis illi t-Tribunal agixxa kontra dak li tghid il-ligi. L-appell quddiemu sar fil-parametru tal-artikolu 52(9). Ghalhekk fl-ewwel lok it-Tribunal ma setghax jinjora l-applikabilita tieghu jew ighid li m hux applikabbli ghal kaz. Dan la kellu d-dritt ighidu u wisq anqas jamplika fuq tali kunsiderazzjonijiet billi jqis kif l-Awtorita kellha tuza d-diskrezzjoni moghtija lilha bil-ligi fejn dan ma jirrizultax li hu fil-poter tal-istess Tribunal minn qari tal-artikolu 52 tal-Kap. 356. L-iskop wara enforcement order hu primarjament il-protezzjoni tas-sit u mhux l-individwu fl-interess tas-socjeta. Ghalhekk l-artikolu 52(1) ighid li l-Awtorita ghandha tinnotifika lis-sid u/jew l-okkupant kif <u>hi</u> jidhrilha l-aktar xieraq.

Ir-ricerka li kellu jaghmel it-Tribunal hi jekk l-Awtorita irnexxillhiex tipprova li s-socjeta appellata kinitx okkupant jew sid biex jinghad li l-avviz hu legali. Harsa lejn l-aggravju tas-socjeta appellata quddiem it-Tribunal hu illi la hi s-sid u anqas okkupant tas-sit milqut bl-avviz. Ir-risposta tal-Awtorita hu li l-izvilupp sar mill-appellanti u minhabba f'hekk jitqiesu li okkupaw l-art.

Billi dan l-istharrig ma sarx mit-Tribunal ghax iffoka fuq il-prova ta' min ghamel l-illegalita, l-appell qed jigi milqugh.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-appell tal-Awtorita, tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar tal-15 ta' Gunju 2023, u tibghat l-atti lura lit-Tribunal biex jerga' jikkonsidra l-mertu tal-vertenza kif kunsidrat u deciz. Spejjez ghas-socjeta appellata.

Mark Chetcuti
Prim Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur